
In-Nunzju Appostoliku akkumpanjat mil-Arċidjaknu u Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, Mons. Giovanni Bosco Gauci u l-Arċipriet tal-Katidral, Mons. Joseph Attard, hekk kif wasal fuq il-presbiterju qabel bdiet il-Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' radd il-ħajr

# In-Nunzju jfakkar iż-Żjara ta' Ġwanni Pawlu II f'Għawdex

L-Eċċ. Tiegħu. Mons. Tommaso Caputo, Nunzju Appostoliku għal Malta fakkar l-20 anniversarju miż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'Għawdex, fl-1990.

Nhar l-Erbgħa 26 ta' Mejju, fis-7.00 ta' filgħaxija, Mons. Caputo intlaqa' ħdejn il-Knisja ta' San Ġakbu, fir-Rabat, mill-Arċipriet tal-Katidral, Mons. Joseph Attard, mis-Sindku tal-Belt Victoria, Dr Samuel Azzopardi u mill-President u membri tal-Kumitat tal-Banda Ċittadina Leone flimkien mal-Banda Leone fejn ingħata merħba u ġie akkumpanjat lejn il-Katidral fid-daqq ta' innijiet reliġjużi. Matul it-triq Mons. Caputo deher jifraħ bit-tfal, ikellem u jsellem lil dawk kollha preżenti u anke daħal jara mara anzjana fid-dar tagħha. Meta wasal fil-Knisja Katidrali Mons. Caputo ingħata merħba mill-Arċidjaknu u Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, Mons. Giovanni Bosco Gauci, membri tal-Kapitlu u Kleru. Bierek lill-ġemgħa preżenti u baqa' dieħel fil-kappella għal ftit ħin quddiem l-Ewkaristija, kif kien għamel Ġwanni Pawlu II għoxrin sena ilu. Wara huwa mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' radd il-ħajr.


In-Nunzju Mons Tommaso Caputo jingħata merħba mill-Arċidjaknu u Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, Mons. Giovanni Bosco Gauci fejn bierek lill-ġemgħa miġbura

Fi tmiem il-Konċelebrazzjoni l-Arċipriet Attard għan-nom tal-Kommunita Parrokkjali, ippreżenta ikona tal-Madonna, tal-fidda, lill-Mons. Caputo, li min-naħa tiegħu, mar u poġġa bukkett ward quddiem l-istatwa ta' Santa Marija, fost iċ-ċapċip tal-parruċċani li ħonqu l-Knisja Katidrali.

Għoxrin sena ilu, il-Qdusija Tiegħu Ġwanni Pawlu II waqt li kien qiegħed jagħmel l-ewwel u l-unika viżta tiegħu f'Għawdex kellu laqgħa mas-Saċerdoti, Reliġjużi u lajċi fil-Katidral. Din iż-żjara għadha mfakkra b'irħama kommemorattiva fil-Katidral u b'wieħed mill-monumenti tal-bronż fuq iz-zuntier tal-knisja.


L-Eċċ. Tiegħu. Mons. Caputo juri l-ikona ta' Santa Marija, li qal illi ser jgħożż b'qima kbira


In-Nunzju Appostoliku ghal Malta, Mons. Tommaso Caputo, l-Arċipriet tal-Katidral, Mons. Joseph Attard, is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-President Dr Michael Caruana, is-Surmast Colin Attard, membri tal-Kumitat u bandisti tal-Banda Cittadina Leone, f'ritratt tal-okkażjoni quddiem il-Katidral

## MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri




Martina Saliba kburija u ferħana bil-bandiera tal-Vatikan f'idejha timxi quddiem in-Nunzju


In-Nunzju jieqaf ikellem lit-tarbija Naomi Marie ta' 4 xhur, fil-pram u lill-ommha Ruth Grech. Jidher ukoll Nenu Grech, magħruf bħala l-Bovril


In-Nunzju akkumpanjat mill-Arċipriet Attard, fi triqtu lejn il-Katidral, jidħol ikellem lil Ersilia Scerri, anzjana ta' 96 sena


In-Nunzju jiehu b'idejn it-tfajjel Nathan Sultana, li ukoll kellu l-bandiera tal-Vatikan f'idejh


## Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***